# Għotja għal Klabb 3-16

## Linji Gwida u Regolamenti 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Foundation for Educational Services

MAĦRUĠA: ĠUNJU 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT TAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| **EUR 50,000** | **EUR 10,000** |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| L-għotja tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

## PERJODI TA' ŻMIEN

| DATA TA' SKADENZA | RIŻULTATI | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 10 ta' Settembru 2026 | 23 ta' Ottubru 2026 | 1 ta' Jannar 2027 – 30 ta' Ġunju 2027 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) u l-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) b'mod kunġunt qed iħabbru sejħa għas-sottomissjoni/proposta ta' touring ta' proġetti artistiċi u kulturali mmirati lejn it-tfal u studenti li għandhom bejn 3-6 snin (gradi K1 – 3 snin, K2 – 4 snin, Y1 – 5 snin, Y2 – 6 snin). L-attivitajiet għandhom isiru tul is-sena skolastika 2026/2027.

L-għan ta' din is-sejħa hu li jawtorizza lill-prattikanti kreattivi biex jiġġeneraw xogħlijiet li jiġbdu l-attenzjoni, biex jiġġeneraw xogħlijiet kreattivi, innovattivi u oriġinali, kif ukoll xogħlijiet t'arti diġà eżistenti għal udjenzi f'dawn il-kategoriji tal-etajiet, u biex jipprovdi t-tfal bl-opportunità li jesperjenzaw żewġ attivitajiet bħala estenzjoni għall-edukazzjoni formali tagħhom.

L-objettivi tal-għotja huma li jipprovdu lil kull tifel u tifla u kull student b'esperjenzi kulturali diversi f'firxa differenti ta' ġeneri u stili, li jippermettu l-iżvilupp edukattiv għall-istudenti li jattendu Klabb 3-16, u li jinkoraġixxu l-kollaborazzjoni bejn is-setturi edukattivi u kulturali. F'konformità mal-Istrateġija 2030, din l-inizjattiva se tappoġġa liż-żgħar u liż-żgħażagħ biex jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali u artistiċi filwaqt li trawwem udjenzi ġodda u b'hekk, tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi.

Permezz ta' din l-għotja, l-istudenti ta' Klabb 3-16 li għandhom bejn 3 u 6 snin se jingħataw l-opportunità li jesperjenzaw tal-inqas sitt produzzjonijiet artistiċi differenti tul is-sena skolastika li ġew prodotti minn professjonisti kreattivi permezz ta' programm ikkurat ta' mill-inqas sitt sessjonijiet. Il-programm se jkun magħmul minn proġetti li ntgħażlu wara li jkunu għaddew minn proċess rigoruż ta' evalwazzjoni wara li tkun saret sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet. Se jintgħażlu minimu ta' ħames proġetti u kull proġett se jiġi offrut baġit ta' massimu għaxart elef (10,000) ewro.

L-objettivi tal-għotja huma li:

- jipprovdu lit-tfal u l-istudenti li jattendu Klabb 3-16 b'esperjenzi professjonali kulturali u artistiċi tal-ogħla kwalità;
- jippermettu l-istudenti biex jipparteċipaw f'ħiliet u suġġetti li huma rilevanti għall-grupp tal-età tagħhom permezz tal-arti;
- jħeġġu lill-prattikanti kreattivi biex joħolqu u jiżviluppaw xogħlijiet tal-arti ġodda għal udjenzi żgħar u jwessgħu l-kapaċità tal-ipprogrammar fuq perjodi itwal ta' żmien bl-iskop li jrawmu kuxjenza dwar l-arti fost it-tfal.

<u>Rekwiżiti f'konformità mal-Istrateġija attwali tal-Kunsill Malti għall-Arti</u>

F'konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġa l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu lejn l-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal li ġej, skont l-Istrateġija 2030 tiegħu.

L-applikanti huma meħtieġa jqisu l-Pakkett tar-Riżorsi – Dritt għall-Kultura meta jiżviluppaw il-proposta tagħhom dwar kif se jinvolvu ruħhom mal-komunitajiet, kif ukoll kif se jqisu d-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. L-għan tal-pakkett tar-riżorsi hu li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u dwar kif għandna nappoġġjaw l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa jikkunsidraw ukoll il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u tal-programmazzjoni tagħhom sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti għall-artisti u għall-prattikanti kreattivi. Il-Karta tħaddan il-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, l-għarfien ta' ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi diċenti, in-

nondiskriminazzjoni u l-ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi u l-aderanza ma' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-liġi tax-xogħol internazzjonali. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas ta' riferenza dinamiku għal kwalunkwe leġislazzjoni, politika jew inizjattiva li għandha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li jiġi elevat l-istatus tal-artisti f'Malta skont il-valur tanġibbli tagħhom lejn is-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

Attivitajiet li jaqgħu fi ħdan is-settur kulturali u kreattiv:

1. L-Arti (il-letteratura, l-arti viżiva, il-mużika, l-arti performattiva, l-arti interdixxiplinarja)
2. Servizzi Kreattivi għan-Negozji (id-disinn, l-arkitettura, it-turiżmu kulturali u servizzi kulturali)
3. Il-Wirt (l-artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet)
4. Il-Midja (il-pubblikazzjoni u materjal ipprintjat, awdjoviżivi inkluż il-produzzjoni ta' films u vidjows, is-servicing ta' films, it-televiżjoni, il-logħob tal-vidjow, radju u midja onlajn).

Applikant

- Applikant jista' jkun artist individwu jew prattikant kreattiv.
  L-applikant se jieħu r-rwol prinċipali u għandu jissodisfa l-Kriterji4 ta' Eliġibbiltà indikati fit-Taqsima 3. Jekk jintagħżel, l-applikant se jwettaq il-proġett skont il-proposta miftiehma wara l-perjodu ta' żvilupp, u se jkollu d-dmir legali ewlieni li jimmaniġġja l-proġett bħala l-Benefiċjarju.
  L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti, tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi, jew ikunu involuti fl-immaniġġjar tal-Għotja għal Klabb 3-16.

Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni li jagħmilha applikant eliġibbli li tinkludi d-dokumenti kollha neċessarji u kwalunkwe anness mal-formola tal-applikazzjoni.

Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa dak li se jirċievi l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proposta appoġġjata mill-għotja. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul il-perjodu tal-proġett iffinanzjat u sa ma jinħareġ iż-żborżament finali. Iż-żborżament tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attivitajiet ekonomiċi u riżultat t'hekk, mhuwiex irreġistrat għall-VAT, il-benefiċjarju għandu d-dmir li jaċċerta li se jirċievi riċevuta fiskali għall-oġġetti u s-servizzi li jirċievi.

Professjonisti Kreattivi

- Kwalunkwe individwu artistiku u kreattiv li hu attiv professjonalment fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-professjonist/i kreattiv/i propost/i m'għandux/m'għandhomx ikun/u impjegat/i full-time tal-iskola/kulleġġ li qed t/japplika jew ta' entità li qed tikkolabora fil-proġett propost, jew impjegati full-time/part-time ta' FES.

Żborżament ta' Fondi

- L-għotja tingħata skont kif hemm indikat fil-paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Il-pagament jinħareġ f'isem l-applikant. L-applikant irid ikollu kont bankarju attiv meta jissottometti l-applikazzjoni.

Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet l-ewwel se jiġu eżaminati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-maniġers tal-għotja. Proposti li ma jitqisux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti mhux se jkomplu jiġu pproċessati u mhux se jiġu evalwati.

Evalwaturi

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta' esperti fis-settur għal kull proġett fi ħdan din is-sejħa. Il-bord maħtur jista' jinkludi professjonisti lokali jew barranin.

Evalwazzjoni

- Applikazzjonijiet meqjusin bħala konformi u eliġibbli jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida mill-evalwaturi maħtura.

Edukazzjoni formali

- L-edukazzjoni formali tinkludi l-edukazzjoni primarja, l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel u tat-tieni livell, l-edukazzjoni postsekondarja u l-edukazzjoni terzjarja li jwasslu għal ċertifikazzjoni, grad, diploma jew kwalifiki professjonali rikonoxxuti.

Edukazzjoni mhux formali

- L-edukazzjoni mhux formali tinkludi kwalunkwe programm ta' formazzjoni li jseħħ barra mill-kurrikulu strutturat. Din tista' sseħħ f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni formali bħal fi skejjel jew f'istituzzjonijiet oħrajn bħal f'mużewijiet.

Approċċi pedagoġiċi innovattivi

- Approċċi pedagoġiċi innovattivi jirreferu għal teoriji u metodi ta' tagħlim li jaraw li jibnu fuq normi stabbiliti biex jilħqu l-ħtiġijiet kontemporanji ta' studenti u għalliema.

Komunità lokali

- Komunità lokali tirreferi għal grupp ta' nies li joqogħdu jew li jinteraġixxu fi spazju komuni u li għandhom inkomuni sett ta' riżorsi soċjali, ekonomiċi, ġeografiċi u kulturali.

Maniġment u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta' din l-għotja. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet online għandha tintbagħat fl-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

Dokumentazzjoni mandatorja

- Kwalunkwe dokument meħtieġ biex tappoġġa l-proposta tiegħek u li se jgħin fl-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (pereżempju rekords ta' prestazzjoni, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn).

Finanzjament massimu

- Hemm limitu massimu ta' €10,000 li jista' jiġi allokat għal kull proġett. L-ammonti li jingħataw se jiġu deċiżi skont il-każ, skont il-proġett.

Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- Entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti li jinkludu Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, l-Ispazju Internazzjonali tal-Arti Kontemporanja ta' Malta (MICAS), il-Fondazzjoni tal-Knisja tal-Ġiżwiti, De Valette Chamber Orchestra, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

Awtosostenibbiltà

- Tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li fit-terminu qasir jew twil jistgħu jagħtu prova li se jkunu finanzjarjament sostenibbli, jiġifieri, jistgħu jkunu implimentati mingħajr il-bżonn ta' investiment pubbliku. Sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista' tkun ir-riżultat tal-kontribut, il-parteċipazzjoni jew l-investiment ta' partijiet terzi fil-prodotti jew is-servizzi offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

Impriża unika

- Tfisser l-intrapriżi kollha li għandhom tal-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:
  a. Impriża waħda li għandha maġġoranza ta' azzjonisti jew membri bi dritt għall-vot f'impriża oħra;
  b. Impriża waħda li għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, superviżorju jew tal-maniġment ta' impriża oħra;
  c. Impriża waħda li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt fis-seħħ bejnha u dik l-impriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum tagħha jew fl-artikli ta' assoċjazzjoni tagħha;
  d. Impriża waħda, li hija azzjonista f'impriża oħra jew membru tagħha, li għandha l-kontroll uniku, skont ftehim ma' azzjonisti oħra ta' dik l-impriża jew membri tagħha, tal-maġġoranza ta' azzjonisti jew drittijiet tal-vot tal-membri f'dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar jitqiesu bħala impriża unika.

Impriża

- Impriża hija definita bħala entità li teżerċita attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri, kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u servizzi fis-suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni ta' regoli ta' għajnuna mill-istat ma tiddependix fuq jekk l-entità hijiex imwaqqfa biex tiġġenera qligħ. Entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll joffru prodotti u servizzi f'suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu barra mill-ambitu ta' għajnuna mill-istat. Barra minn dan, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża dejjem hija relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fl-ewwel rigward.

# 3. Eliġibbiltà

Il-proġetti l-ewwel se jiġu eżaminati f'termini ta' eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli skont il-punti t'hawn taħt ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jiġux evalwati.

**Il-perjodu massimu ta' żmien eliġibbli għall-implimentazzjoni tal-proġett**: Is-sena skolastika 2026/27.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-applikanti taħt din is-sejħa għandhom jikkwalifikaw skont wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:

- Professjonisti kreattivi / artisti individwali;

Is-sejħa għandha żewġ għażliet: għażla ta' għajnuna mill-istat u għażla ta' għajnuna mhux mill-istat. Jekk jogħġbok, irreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti għal informazzjoni dwar l-applikabbiltà tar-regoli ta' għajnuna mill-istat għall-applikanti/proġetti.

L-applikant għandu jkun ċittadin Malti, jew ikollu permess ta' residenza Maltija, jew ikollu ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew ikollu passaport Malti.

L-applikant għandu jagħżel membru tal-istaff jew wieħed/waħda mill-kollaboraturi bħala l-koordinatur/koordinatriċi tal-proġett biex j/taġixxi bħala l-persuna ta' kollegament mal-Kunsill Malti għall-Arti u li se j/tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett. L-applikant jista' wkoll juża l-fondi biex jimpjega koordinatur/koordinatriċi esterna.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali skont line-votes stabbiliti mill-gvern.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta' applikant għal din is-sejħa speċifika.
- Applikanti li l-profil tagħhom mhuwiex verifikat għaliex jitqies bħala mhux komplut peress li ma jkollhomx dawn id-dokumenti mandatorji:
    - kopja ta' karta tal-identità Maltija (kopja tan-naħa ta' quddiem u ta' wara), jew ta' permess ta' residenza Maltija, jew ta' ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew ta' passaport Malti;
    - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji preċedenti ta' finanzjament.
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma mlewx tal-inqas rapport finali wieħed relatat ma' għotja oħra fil-passat li kienet iffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fiż-żmien stabbilit.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?[1]

Din l-għotja tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta' €10,000 għal kull proġett, skont liem hu l-inqas).

[1] L-ispejjeż kollha jitqiesu biss jekk dawn ir-riżorsi mhumiex diġà koperti/ ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew minn organizzazzjonijiet ta' appoġġ/imsieħba.

- Ħlasijiet artistiċi
- Kontinġenza, fejn l-ispejjeż ma jaqbżux 10% tat-total tal-proġett
- Inizjattivi diġitali li jinkludu iżda mhumiex limitati għal abbonamenti għal software, forrnituri ta' servizzi u l-ħolqien ta' riżorsi onlajn
- Miżuri ta' saħħa u sigurtà
- Il-kiri/ix-xiri ta' tagħmir (ix-xiri ta' tagħmir se jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies li hu meħtieġ għall-proġett)
- Spejjeż indiretti, li ma jaqbżux 5% tal-ispiża totali (eżempji – servicing: id-dawl, l-ilma, it-tindif; telefonija/fax/konnessjonijiet tal-internet; bolol postali u postaġġ; karti, linka/cartridge, kartolerija, eċċ)
- Assigurazzjoni
- Marketing, PR, u komunikazzjonijiet (spejjeż li ma jaqbżux 10% tat-total tal-proġett. Dawn jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għall-fotografija u l-vidjografija li jistgħu jintużaw għall-portafoll tal-artisti żgħar)
- Ħlasijiet oħrajn direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi imma mhux limitati għal: ħlasijiet legali, ħlasijiet lil forrnituri ta' servizzi, ħlasijiet tal-parteċipazzjoni, ħlasijiet lingwistiċi, eċċ)
- Ħlasijiet għall-immaniġġjar tal-proġett (inklużi imma mhux limitati għal amministrazzjoni, koordinazzjoni u/jew l-iżvilupp)
- Il-kiri ta' spazji
- Akkomodazzjoni standard (li teskludi kiri fit-tul, jew parti minnu)
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika) inkluż imma mhux limitat għat-trasport pubbliku, ivvjaġġar bl-ajru, kiri ta' karozzi/vetturi)
- VISA tal-ivvjaġġar.

Għal iktar informazzjoni dwar kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida ta' Baġit Ġenerali tagħna hawn https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/linji-gwida-dwar-il-bagit/

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Spejjeż diġà koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew programm ieħor ta' finanzjament pubbliku mmaniġġjat jew ikkomaniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment jew ministeru ieħor tal-gvern.
- Spejjeż li diġà huma koperti permezz tal-baġits operattivi tas-soltu (pereżemju spazju li jappartjeni lill-applikant jew lill-imsieħeb/ organizzazzjoni ta' appoġġ/ individwu).

- Finanzjament għall-ħolqien jew iż-żamma ta' boroż ta' studju, konkorsi, kompetizzjonijiet, premji jew scholarships.
- Spejjeż għal servizzi pprovduti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi jew minn aġenzija pubblika oħra, minn dipartiment jew ministeru tal-gvern.
- VAT rekuperabbli, fejn applikabbli.
- Rimborż ta' pagi, jew parti minnu.
- Spejjeż retroattivi.
- Sussitenza, catering, u ospitalità.

## 3.5 Produzzjonijiet u attivitajiet eliġibbli

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonsistu minn proġetti artistiċi maħsuba biex iduru ċ-ċentri tal-Klabb 3-16 u li huma prodotti speċifikament bil-parteċipazzjoni attiva ta' tfal li għandhom bejn 3 u 6 snin. Il-proġetti jridu jkunu b'tali mod li jistgħu jiġu ppreżentati skont il-limitazzjonijiet taċ-ċentri tal-FES (il-klassijiet, il-btieħi u s-swali/gyms).

Il-proġetti jridu jkunu jikkonsistu f'minimu ta' sitt workshops li jinvolvu t-tfal fejn dawn jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv, u għandhom iwasslu għax-showcase finali fejn l-istess studenti jkunu l-performers. Kull proġett irid jiġi ripetut f'numru ta' ċentri ta' Klabb 3-16 f'Malta u f'Għawdex tul is-sena skolastika. In-numru ta' ċikli għandu jiġi indikat fl-istadju tal-applikazzjoni. Il-proġetti se jsiru waranofsinhar waqt il-ħinijiet ta' operat ta' Klabb 3-16 (bejn it-3pm u l-5pm). Għandu jkun hemm preżenti playworker tal-klassi biex j/tassisti lil dawk li jkunu qed jagħmlu l-attività.

Produzzjonijiet u attivitajiet eliġibbli jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

- L-arti viżiva u l-artiġjanat;
- L-arti performattiva;
- Il-mużika;
- Il-letteratura u r-rakkontar ta' stejjer;
- Il-films u l-arti tal-midja;
- L-arti diġitali.

L-interattività u l-parteċipazzjoni huma obbligatorji. Dawn iridu jkunu inkorporati fil-mod ta' twassil tal-produzzjoni u/jew tal-attività nfisha.

Attivitajiet eżistenti offruti lil skejjel u/jew lil studenti mingħajr ħlas huma esklużi minn din l-inizjattiva u għalhekk mhumiex qed jitqiesu bħala eliġibbli.

Jista' jiġi allokat baġit massimu ta' għaxart elef ewro (€10,000) għal kull proġett wara li ssir evalwazzjoni tal-baġit u l-ispejjeż proposti. Se jintgħażlu massimu ta' ħames proposti.

Il-produtturi jridu jidentifikaw l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa mill-postijiet fejn se jsir il-proġett, l-adegwatezza għall-gruppi tal-etajiet, l-adegwatezza għal studenti b'diffikultajiet ta' tagħlim, u l-aċċessibbiltà għall-post u ġol-post. Għandha tiġi segwita b'mod strett kwalunkwe restrizzjoni imposta mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

L-applikanti għandhom jissottomettu rekordings u portafolli għal din is-sejħa jekk ix-xogħol propost mhuwiex produzzjoni ġdida.

Il-kontenut tal-produzzjonijiet proposti għandu jkun marbut ma' temi rilevanti, inklużi iżda mhux limitati għal dawn li ġejjin:

- L-Identità & l-Appartenenza
  L-esplorazzjoni tal-espressjoni tal-individwu stess, tal-emozzjonijiet, il-familja u l-komunità b'modi li jistgħu jirrelataw magħhom it-tfal.
- Id-Diversità & l-Inklużjoni
  Iċ-ċelebrazzjoni ta' differenzi fil-kultura, fil-lingwa, fil-ġeneru, u fl-abbiltajiet permezz tar-rakkontar tal-istejjer u l-logħob.
- Il-Benesseri & l-Ħajja Sana
  Kontenut li jinkoraġġixxi l-benesseri fiżika, emozzjonali u soċjali.
- L-Ambjent & s-Sostenibbiltà
  Kontenut dwar l-iskoperta tan-natura, dwar li t-tfal jieħdu ħsieb l-ambjent, u jifhmu kunċetti sempliċi dwar is-sostenibbiltà.
- Il-Kreattività & l-Espressjoni
  Kontenut fejn it-tfal jinvolvu ruħhom permezz tal-mużika, il-moviment, l-arti viżiva, u r-rakkontar tal-istejjer b'mod immaġinattiv.
- Il-Komunikazzjoni & l-Lingwa
  Kontenut li jiżviluppa s-smigħ, il-lingwa mitkellma, u ħiliet bikrin tal-litteriżmu permezz ta' esperjenzi artistiċi interattivi.
- L-Etika & l-Valuri Soċjali
  Kontenut li jintroduċi t-tjubija, li t-tfal jaġixxu bil-fier, b'rispett u billi jikkooperaw ma' oħrajn permezz ta' narrattivi kreattivi.
- L-Esplorazzjoni & l-Iskoperta
  Kontenut li jqanqal kurżità dwar id-dinja (pereżempju l-ħoss, il-ġisem, is-sensi) permezz ta' tagħlim allegru u bbażat fuq l-arti.

## 3.6 Liem applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali skont line-votes stabbiliti mill-gvern.
- Attivitajiet mhux relatati mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi.
- Attivitajiet li l-għan tagħhom hu li jiġbru l-fondi jew li jagħmlu propoganda politika.
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) fid-data rispettiva tal-iskadenza.
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew iż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji jew scholarships.
- Avvenimenti li jsiru regolarment inkluż proġetti annwali, festivals annwali, xows tal-iskola/annwali, programmi regolari ta' taħriġ, jiem ta' għotja ta' premji, pubblikazzjonijiet, esebizzjonijiet ta' arti u artiġjanat, eċċ. Madankollu, il-proġetti annwali jistgħu jintużaw bħala pjattaformi biex jiġi preżentat ix-xogħol li sar permezz tal-għotja.
- Applikazzjonijiet mhux kompluti kif spjegat fit-Taqsima 5.1 – Checklist ta' dawn il-linji gwida.
- Moduli individwali kkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti.
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Boroż ta' Studju tal-Arti ta' Malta, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat b'riżq l-arti/kultura Maltija.
- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew seħħew qabel mal-applikant(i) jiġi(u) mgħarraf/mgħarrfa bir-riżultati.
- Proġetti li diġà huma ffinanzjati minn programmi nazzjonali oħrajn jew programmi oħrajn iffinanzjati mill-UE.
- Proġetti li t-tul ta' żmien tagħhom ma jaqax għalkollox fil-perjodu ta' żmien eliġibbli.

- Żjarat tal-iskejjel barra minn Malta sakemm l-istituzzjoni ma tagħtix raġuni valida biżżejjed li dawn huma parti essenzjali tal-proġett.
- Skambji tal-istudenti.
- Programmi ta' taħriġ meħtieġa biex jiġġeddu liċenzji jew akkreditazzjonijiet professjonali.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-iskop tal-Għotja għal Klabb 3-16 mhijiex eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa, imma applikazzjoni waħda biss mill-applikazzjonijiet sottomessi tista' tingħata finanzjament f'kull sessjoni.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterja li ġejjin:

## 4.1 Kriterju 1: Il-Kunċett (40 marka)

Dan il-kriterju jqis l-impatt fuq l-iżvilupp personali tal-istudenti u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-kreattività u l-arti. Il-proposti għandhom jesploraw kunċetti innovattivi dwar kif l-istudenti jistgħu jipparteċipaw f'ambjent kreattiv (dan il-kriterju għandu jinkludi wkoll evidenza dwar kif il-proposta tqis il-prinċipji fil-Pakkett tar-Riżorsi – Dritt għall-Kultura u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħalma hu indikat fir-Taqsima 1).

Indirizza l-punti li ġejjin f'mhux iktar minn 500 kelma:

- Proġetti li jimmiraw il-ħiliet kreattivi tal-istudenti waqt li jwettqu l-proċessi tal-proġetti, mill-istadju tal-ippjanar u l-istadju tal-iżvilupp sal-implimentazzjoni tal-proġett innifsu. Se jitqiesu l-użu ta' ħiliet u tekniki ġodda akkwistati, kif ukoll il-ħidma f'tim u l-inklussività sabiex jintlaħqu l-objettivi kreattivi stabbiliti permezz tal-proġett. (20 marka)
- Proġetti li jinvolvu l-istudenti fil-proċess kreattiv. Se jitqiesu l-kreattività u l-esponiment għal forom ġodda ta' arti, ħiliet u tekniki, kif ukoll il-ħidma f'tim u l-inklussività sabiex jintlaħqu l-objettivi kreattivi stabbiliti permezz tal-proġett. (15-il marka)
- X'inhuma l-pjanijiet ta' din il-proposta wara l-implimentazzjoni tagħha? (5 marki)

## 4.2 Kriterju 2: Il-Ġestjoni tal-proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jqis l-opportunitajiet tal-istudenti biex jipparteċipaw u jikkontribwixxu f'kull fażi.

Indirizza l-punti li ġejjin f'mhux iktar minn 300 kelma:

- Proposti li jwessgħu l-opportunitajiet tal-iżvilupp artistiku tal-istudenti. (10 marki)
- Proġetti li jgħinu fl-iżvilupp tal-ħiliet kreattivi tal-istudenti, inklużi modi ġodda kif iwettqu attivitajiet, kif jesploraw perspettivi differenti u s-soluzzjoni ta' problemi, u kif iwieġbu għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet differenti tal-istudenti filwaqt li joffru metodi ta' tagħlim u pedagoġiji differenti. (5 marki)
- Proġetti li jesponu l-istudenti għall-applikazzjoni differenti tal-arti, liema applikazzjoni tista' żżid il-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-arti fl-iskola u fil-komunità. Tali proġetti jistgħu jżidu wkoll l-opportunitajiet għal studenti li mhux soltu jieħdu sehem fl-arti jew f'attivitajiet kulturali. (5 marki)

### 4.3 Kriterju 3: Il-Parteċipazzjoni tal-udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jqis il-ħolqien ta' netwerks u kollaborazzjonijiet ġodda, kif ukoll l-iżvilupp ta' netwerks u kollaborazzjonijiet eżistenti.

Indirizza l-punti li ġejjin f'mhux iktar minn 300 kelma:

- Kollaborazzjonijiet bi professjonist kreattiv identifikat wieħed, jew aktar minn wieħed, biex jiżdiedu l-eżiti potenzjali tal-proġett. Dan il-kriterju se jqis il-livell tal-kollaborazzjonijiet proposti kif ukoll ir-rilevanza tagħhom għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett kreattiv propost. (10 marki)
- Proġetti li jinkoraġixxu l-interazzjoni bejn l-istudenti, l-istituzzjoni, il-komunità lokali u x-xena artistika. (10 marki)

### 4.4 Kriterju 4: Il-Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jqis kemm hu ppjanat sew il-baġit u kemm hu realistiku l-pjan propost tal-baġit.

Indirizza l-punti li ġejjin f'mhux iktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok, ipprovdi tqassim ċar tal-baġit inklużi l-ispejjeż direttament relatati mal-proġett propost. Spjega r-raġunament wara l-ispejjeż tal-proġett. (20 marka)

# 5. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra sew dawn il-linji gwida u regolamenti.
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata permezz ta' din is-sejħa.
3. Ikklikkja fuq din il-link li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tikklikkja fuq 'Irreġistra issa' u timla' d-dettalji tiegħek.
5. Mit-taqsima tas-Sejħiet Miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għas-sejħa li beħsiebek tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass b'pass. Daħħal l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċevix din in-notifika, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti għandhom jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA tal-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà, jew jekk għandek xi mistoqsijiet dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u l-16:00, jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija fir-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif ġie spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, l-applikazzjoni tiegħek mhix se tiġi pproċessata u evalwata.

Qabel id-data tal-iskadenza, ir-rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti mhux se jkunu qed jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek. Hija fid-diskrezzjoni totali tal-Kunsill Malti għall-Arti li

jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni mandatorji nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Malli l-applikazzjoni tiġi sottomessa, l-applikanti jaċċettaw li, f'każ li l-applikazzjoni tingħata finanzjament, l-isem, it-titlu tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament abbażi tal-informazzjoni sottomessa u d-dokumenti ta' appoġġ.

Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) fid-data rispettiva tal-iskadenza ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 5.1 Checklist

Sabiex jitqiesu bħala kompleti, l-applikazzjonijiet għandhom ikollhom:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti, fejn applikabbli;
- Il-bijografija/ is-CV artistika tal-applikant għandha tkun inkluża fil-profil tal-applikant;
- Awdjoviżwali/ portafoll li juru xogħol l-applikant, kif dan hu rilevanti għall-proposta. (Awdjoviżwali sa 5MB jistgħu jittellgħu direttament fil-formola tal-applikazzjoni. Fil-każ ta' fajls ikbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti bħala link);
- Fajl tal-awdjo jew awdjoviżiv ta' mhux aktar minn 5 minuti fejn l-applikant jagħti deskrizzjoni qasira, jispjega r-raġunijiet u/jew il-motivazzjoni tiegħu għas-sottomissjoni ta' din il-proposta;
- Ittri ta' intenzjoni minn kollaboraturi u msieħba, kif ukoll postijiet potenzjali, bħaċ-ċentri tal-Klabb 3-16 li se jtellgħu l-proġetti;
- Awtorizzazzjonijiet ta' protezzjoni ta' minorenni, fejn applikabbli. Jekk l-awtorizzazzjoni ma tkunx f'idejn l-applikant, tista' titressaq il-kondotta tal-Pulizija mal-applikazzjoni. L-awtorizzazzjoni POMA għandha titressaq qabel jinbeda il-proġett;
- Stimi u materjal ta' appoġġ, fejn applikabbli.

# 6. Il-Proċess tal-Evalwazzjoni

Din is-sejħa hija waħda kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti fis-settur skont il-kriterji stabbiliti.

Kif inhu spjegat iktar 'il fuq, kull kriterju jingħata marki speċifiċi. Il-proġetti jridu jġibu medja ta' 60 marka jew iktar biex jitqiesu għall-għoti tal-fondi.

Madankollu, is-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti sottomessi kif ukoll mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, dan ifisser li anke jekk il-proposta tal-proġett tiegħek ġabet 60 marka jew iktar, ma jfissirx li awtomatikament se tingħata l-fondi. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax it-total tal-fondi disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ f'termini tal-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni li jintgħażel mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi se jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet rilevanti li ngħataw.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

In-notifika tar-riżultati se tintbagħtlek mill-Kunsill Malti għall-Arti fid-data indikata fuq il-paġna 2. Flimkien ma' ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifikazzjoni tal-proġetti skont il-marki allokati mill-evalwaturi se tiġi ppubblikata online. Se jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li ntgħażlu. Fil-każ tal-proġetti li ma ngħataw l-ebda fondi, se jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar ir-riżultati tiegħek, għandek tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni ta' finanzjament tiegħek.

L-ebda informazzjoni fuq il-proċess tal-evalwazzjoni mhi se tiġi kkomunikata qabel ma toħroġ in-notifika uffiċjali tar-riżultat. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni se twassal għal skwalifika awtomatika tal-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha riċevuta mill-amministraturi, mill-maniġers u mill-evalwaturi tal-Fond se titqies bħala kunfidenzjali kemm waqt il-proċess tal-evalwazzjoni kif ukoll wara. Il-ftehim tal-għotja ta' fondi se jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien ta' dejta u l-kunfidenzjalità għall-proġetti li għaddew.

# 7. Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-proġett

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha biex jappoġġjaw l-applikazzjoni u l-pjan tal-baġit fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifika. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jaċċetta varjazzjoni sa 5% tal-ispiża totali proposta. Il-kontinġenza msemmija fil-pjan tal-baġit se tappoġġa kwalunkwe varjazzjoni tal-ispiża totali proposta. Fl-ebda ċirkostanza l-Kunsill mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja li tkun ingħatat.

Wara li tiġi pprovduta u approvata d-dokumentazzjoni mandatorja fuq imsemmija, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tingħata biss meta jitlesta l-proċess spjegat iżjed 'il fuq fil-perjodu ta' żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord tal-Evalwazzjoni jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. It-30% li jifdal jingħata wara s-sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju, wara li dan jiġi approvat mill-Kunsill.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo tal-Kunsill fuq kull materjal relatat u għandhom jispeċifikaw li l-proġett sar bl-appoġġ tal-għotja ta' fondi, kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti** fuq kull materjal stampat u fuq kull materjal ta' marketing u relazzjonijiet pubbliċi. L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-iskop li għalih ingħatat, skont il-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw il-Kunsill immedjatament f'każ ta' bidliet li jseħħu tul l-implimentazzjoni tal-proġett li jaffettwaw in-natura tiegħu. Ma jistgħux isiru bidliet mingħajr approvazzjoni. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jissospendi l-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma titqiesx konformi mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma kienx infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji għandhom jaraw li jkunu disponibbli li jikkomunikaw ma' u jiltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal raġunijiet ta' monitoraġġ kemm waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara li jitlesta.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagamenti finali jekk in-nefqa totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-Rapport

Fi tmiem tal-proġett tiegħek, se tiġi mitlub tissottometti rapport dettaljat li juri x-xogħol li sar u l-kisbiet tal-proġett. Dan ir-rapport irid jintbagħat sa mhux iktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara t-tmiem tal-proġett tiegħek. Tingħata mudell għar-rapport tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Jekk rilevanti, flimkien ma' dan ir-rapport, il-benefiċjarji għandhom jissottomettu kopji ta' kwalunkwe ritratti u vidjows b'riżoluzzjoni għolja, kwalunkwe materjal ta' marketing, reklamar jew informazzjoni rilevanti li ġie żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jintalbu wkoll jipprovdu evidenza tal-proċess ta' riċerka li għandha tinkludi dokumentazzjoni viżwali, bloggs u dokumentazzjoni oħra.

Se tintalab tippreżenta wkoll il-baġit finali aġġornat flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ kollha.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jużа l-materjal tal-proġett li ġie sottomess.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirkupra l-fondi jekk dawn mhumiex qed jintużaw, u/jew mhux qed jintużaw sew, u/jew mhux qed jintużaw skont il-baġit li ġie sottomess.

# 8. Il-Proċedura tal-Ilmenti

F'każ li persuna tressaq ilment, dan mhuwiex se jaffettwa l-possibbiltà tagħha li tirċievi appoġġ mill-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità.

## 8.1 Raġunijiet għal ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet proċedurali tul il-proċess tas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni f'termini tal-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill jew tal-gvern;
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti rigward il-proġett tagħhom.

## 8.2 Kif tressaq ilment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu l-iktar ċari possibbli. L-ilment għandu jistqarr ir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni u ġustifikazzjoni dettaljati,

sostnuti b'dokumentazzjoni jew testimonjanzi rilevanti dwar ir-raġunijiet għaliex l-ilmentatur iqis li seħħew irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti, jew f'regoli u regolamenti standard ta' governanza tajba li jiggovernaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni li tittieħed fi tmiem il-proċess tal-ilmenti tkun waħda finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur/Direttriċi tal-Finanzjament sa ħamest (5) ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni tiegħek dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi risposta għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol.

F'każ li ma tkunx sodisfatt/a bit-tweġiba li ngħatajt, il-Kunsill Malti għall-Arti jlaqqa' Bord li jkompli jiddiskuti l-ilment tiegħek. Jekk tuża l-proċedura tagħna tal-ilmenti, inti qed taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali.

# 9. L-Applikabbiltà tar-Regoli ta' Għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli ta' Għajnuna mill-Istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fl-ambitu tal-Artikolu 107 TFEU

L-iskema dwar l-Għajnuna mill-Istat se tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis.*

F'konformità mar-regolament *de minimis*, mhix se tingħata assistenza lil:

(1) impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura;
(2) impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew li jitqiegħdu fis-suq;
(3) impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
(4) impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli f'wieħed minn dawn il-każijiet:
    a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità ta' tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew li jitqiegħdu fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    b. fejn l-għajnuna hi a kundizzjoni li tingħadda parzjalment jew totalment lill-produtturi primarji;
(5) għajnuna mogħtija lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u l-operat ta' netwerk ta' tqassim jew għal infiq ieħor kurrenti marbut mal-attività tal-esportazzjoni;
(6) Barra minn hekk, għajnuna mhix se tingħata jekk hi kontinġenti f'każ tal-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi fuq oġġetti u servizzi importati.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża unika m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi kull għajnuna mogħtija mill-istat taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-istat implimentata f'konformità mar-regolament *de minimis*, inkluż għajnuna mogħtija u/jew applikata għaliha minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* li tiġi riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit ikollha tiġi rkuprata b'imgħax mill-impriża li qed tirċievi l-għajnuna.

Għandhom jiġu rispettati r-regoli dwar l-akkumulu ta' għajnuna kif deskritt fl-Artikolu 5 tar-regolament *de minimis.*

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* li tiddikjara kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li rċevew u/jew li applikaw għaliha fil-perjodu applikabbli ta' tliet snin. Din se tiżgura li l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża unika skont ir-regola *de minimis* mhux se jaqbeż il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

F'każ li applikant li jkun ntgħażel ma jkunx eliġibbli li jirċievi għajnuna *de minimis*, dak l-applikant se jitqies bħala mhux eliġibbli u l-applikant ikklassifikat fil-post li jmiss se jingħata l-għajnuna.

F'konformità mar-Regolament ta' Għajnuna mill-Istat *de minimis*, rekords li jirrigwardjaw l-għajnuna *de minimis* se jinżammu mill-Kunsill Malti għall-Arti għal 10 snin mid-data minn meta ngħatat l-għajnuna taħt l-iskema.

## Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema se ssir disponibbli għall-pubbliku f'reġistru ċentrali fi żmien għoxrin jum ta' xogħol wara l-għotja tal-għajnuna.

Din l-informazzjoni se tkun disponibbli għall-pubbliku:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għajnuna;
- id-data ta' meta ngħatat l-għajnuna;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('il-klassifikazzjoni NACE').

# Teħtieġ parir?

Il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni għaż-żmien ta' qabel ma tissottometti l-proposta tiegħek biex ngħinuk tikseb appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna lesti ngħinuk f'kull pass tal-proċess.

Nistgħu ngħinuk tiddetermina jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek humiex konformi mal-mekkaniżmu ta' appoġġ immirat, u nipprovdulek feedback dwar kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett tiegħek. Ippjana minn qabel u kkuntattjana tal-inqas ġimagħtejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sottomissjoni sabiex tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi tagħna.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt

**Linji gwida aġġornati fid-9 ta' Ġunju 2026**